**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 480/2014JB

Numru 13

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Andre Xerri (K.I.: 181886M) u P.D. Security Installations Limited (C30764)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-21 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu, is-Socjeta Attrici qalet talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tliet mija u disgha u erbghin euro u tliet centezmi (€349.03) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni bil-kont numru A/C50737685. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014;

Ra li l-Konvenut Andre' Xerri, debitament notifikat fid-9 ta' Awissu 2014 naqas li jipprezenta risposta;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata, ipprezentat risposta fid-9 ta' Novembru 2015 li permezz taghha laqghet ghall-azzjoni attrici billi eccepiet dan li gej:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hia preskritta ai termini tal-Art. 2156 tal-Kap. 16;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-linja telefonika mertu tal-avviz mertu tal-avviz bin-numru 79990041 li fuqu hemm talba ghall-hlas ma hux responsabilita tas-Socjeta Konvenuta peress li ma hemm l-ebda ness bejn il-linja telefonika personali tal-Konvenut u s-Socjeta Konvenuta;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Konvenut kien impjegat mas-Socjeta Konvenuta bhala *technician* liema impjieg gie terminat nhar is-17 ta' Settembru 2009.

Matul l-impjieg, is-Socjeta Konvenuta pprovdiet linja tal-mobile bin-numru 79419274 lill-Konvenut liema linja hija responsabbilita tas-Socjeta Konvenuta izda mhux mertu ta' din il-kawza stante li l-kontijiet dejjem gew imhallsa mis-Socjeta Konvenuta;

4. Illi s-Socjeta Konvenuta mhijiex il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhijiex responsabbli ghall-hlas tal-kont mertu tal-kawza izda hu responsabbli l-Konvenut;
5. Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt;
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Rat l-Atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 fejn l-abbli difensur tas-Socjeta Attrici ddikjarat li minkejja li l-ittra ufficcjali a fol 9 giet reza ezekuttiva, hija ma kienetx f'qaghda li tghaddi ghall-hrug tal-mandati peress li din kienet indirizzata lil Andre' Xerri;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi din hija kawza fejn is-Socjeta Attrici qieghdha titlob il-hlas ta' kontijiet ghal servizzi ta' telekomunikazzjoni minghand is-Socjeta Konvenuta, li laqghet ghal din l-azzjoni b'serje ta' eccezzjonijiet, u minghand il-Konvenut, li ghazel li la jressaq risposta u lanqas ma deher ghas-smiegh. Kontra l-istess Konvenut, is-Socjeta Attrici diga ottjeniet titlu ezekuttiv naxxenti minn itra ufficcjali li tinsab a fol 9 tal-process;
Illi in sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet bhala xhud lil Charmaine Psaila Wiffen (a fol 47) li stqarret kif gej:

> Jiena nikkonferma li l-ammont ta' tlett mija u disgha u erbghin euro u tlett centezmi (€349.03) ghadu dovut mill-konvenuti sal-lum. Nghid illi l-kuntratt li jirrigwarda l-kont in kwistjoni sar fit-3 ta' Dicembru 2007 kif jidher mid-dokument a fol 4 tal-process. Nghid li fuq dan il-kuntratt jidhru l-firem ta' Darren Scicluna u Patrick Bezzina. Nghid li fejn hemm imnizzel plan hemm imnizzel PC u fil-brackets B "(B)", dak ifisser Corporate Plan B, li huwa tip ta' programm li ahna napplikaw biss ghall-kumpaniji. Nghid li sussegwentement kienu saru xi tibdiliet fil-plan li huwa d-dokument a fol 3 tal-process. L-istess kuntratt jghajjat lill-PD Security Limited. Ghal darb'ohra jidhru l-firem ta' Darren Scicluna u Patrick Bezzina. Nghid li Patrick Bezzina u Darren Scicluna huma t-tnejn direturi tas-socjeta' konvenuta u dan skond informazzjoni li estrapolajna mis-sistema tal-MFSA. Nghid li Andre Xerri huwa s-subscriber. Hafna kumpaniji meta jaghmlu l-kuntratti jindikaw isem sabiex ikunu jafu ta' min hi dik il-linja u min ikun qed juzaha. F'dan il-kaz il-linja kien qed juzaha Andre Xerri. Nghid li l-ittra li ahna ghamilna u li tidher a fol 9 tal-process giet notifikata ghand is-socjeta' konvenuta ghad li hi indirizzata lil Andre Xerri. Nghid li l-aktar partita antika tmur lura ghal Awwissu 2009. Nghid illi c-charge li tidher fl-istatement a fol 2 u cioe' c-charge ta' €48.90 hija c-charge tal-ittra ufficjali.

Mistoqsija in kontro-ezami fejn kienu jintbaghtu l-kontijiet relatati ma' dan il-kont ix-xhud qalet li dawn kienu jintbaghtu ghand is-Socjeta Konvenuta fi Triq il-Kbira, Mosta.

Illi min-naha taghha, is-Socjeta Konvenuta ressqet bhala xhud lil Patrick Bezzina (a fol 49) li stqarr kif gej:

> Nghid li jiena direttur tas-socjeta' konvenuta. Nghid li Andre Xerri kien impjegat mal-kumpanija tieghi u baqa hekk impjegat sakemm spicca l-impjieg tieghu fis-17 ta' Settembru 2009. Qed nara d-dokumenti a fol 3 u fol 4 tal-process u niddikjara li l-firem li jidhru hemmhekk fil-fatt huma l-firma tieghi. Qed nigi muri l-ittra a fol 9 tal-process u nghid li ghandi amment li kienet waslet ittra li qed nassumi li hija din li ahna konna ghaddejniha lil Andre Xerri; nghid li l-firma ta' xi hadd Sant u cioe' Joe Sant, li tidher fuq ir-riferta fuq wara tal-ittra hija ta' impjegat li kien jahdem maghna. Nghid li meta rcevejna dik l-ittra ufficjali s-Sur Xerri ma kienx ghadu jahdem maghna. Nghid li kontijiet bin-numru ta' Andre Xerri qatt ma rcevejna. Nghid li meta rcevejna l-ittra minghand il-Mobisle Communications ahna ghaddejniha lil Andre Xerri kif diga ghidt, ghaddijielu Joe Sant wara li cempillu, biss qatt ma rgajna segwejna mieghu jekk hallasx jew le.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn it-Tribunal se jqis ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta li permezz taghha qieghdha tghid li mhijiex il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhijiex responsabbli ghall-hlas tal-kont mertu tal-kawza izda hu responsabbli l-Konvenut;

Illi minn dak li gie verbalizzat mis-Socjeta Attrici fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2015, jidher bic-car li ftit xhur qabel ma intavolat l-odjerna kawza, is-Socjeta Attrici kienet irregistrat titolu ezekuttiv naxxenti minn Ittra Ufficcjali postulata taht id-dispozizzjonijiet tal-Art. 166A tal-Kap. 12;

Illi jirrizulta car, anke mix-xhieda ta' Patrick Bezzina, li dik l-ittra giet mghoddija lill-Konvenut Andre' Xerri li *del resto* ghad li notifikat bil-proceduri odjerni, naqas milli jidher. Izda anke kieku c-cirkostanzi svolgew diversament, it-Tribunal ma jifhimx ghalfejn gjaladarba s-Socjeta Konvenuta ghazlet li tipprocedi kontra l-Konvenut permezz tal-procedura naxxenti taht l-Art. 166A tal-Kap. 12 u sahanitra ottjeniet titlu ezekuttiv, kellha sussegwentement tipprocedi mill-gdid kontra l-istess intimat bl-aggunta, din id-darba, tas-Socjeta Konvenuta;

Illi f'dan il-kuntest wiehed ghandu jqis il-principju bazillari li *electa una via non datur recursus ad alteram*;

Illi hu car, anke minn dak li gie verbalizzat, li gjaladarba s-Socjeta Attrici ghazlet li tmexxi kontra l-Konvenut ma kienx hemm lok li tipprocedi diversament fi stadju ulterjuri aktar u aktar meta tqis li da parti tal-Konvenut ma kien hemm l-ebda risposta ghall-ittra ufficcjali li jidher li tissodisfa r-rekwiziti tal-Art. 166A tal-Kap. 12 sal-punt li giet reza ezekuttiva. Dik l-ittra ufficcjali turi bic-car li r-relazzjoni kienet bejnha u bejn il-Konvenut u kwindi r-raba' eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta timmerita li tigi akkolta;

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk mhemmx htiega li jigu kkunsidrati l-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta Konvenuta;

Illi dwar il-prezenza tal-Konvenut fil-kawza, ghad li dan wera kontumelja assoluta billi naqas sija milli jirrispondi kif ukoll milli jattendi ghas-smiegh, it-Tribunal iqis li gjaladarba hemm titolu ezekuttiv, mhemmx il-htiega ta' kundanna ulterjuri u kwindi se jichad it-talba anke fejn imiss mal-Konvenut;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddieciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' r-raba' eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta, u fil-waqt li jirrileva li gjaladarba hemm titolu ezekuttiv

fil-konfront tal-Konvenut mhemmx il-htiega ta' kundanna ulterjuri, jichad it-talba.  Spejjez a karigu tas-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*